



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Novembru 2017 – Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-481/16)¹

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Għajjnuna mill-Istat – Għajjnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern – Obbligu ta’ rkupru – Obbligu ta’ informazzjoni – Nuqqas ta’ eżekuzzjoni – Eċċezzjonijiet tad-difiża – Impossibbiltà assoluta ta’ eżekuzzjoni”

1. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati - Irkupru ta’ għajjnuna illegali - Obbligu - Dmir ta’ eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni*

(Artikoli 108(2) TFUE u 288 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3))

(ara l-punti 23, 24)

2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati - Irkupru ta’ għajjnuna illegali - Obbligu - Benefiċjarji f’diffikultà jew fi stralċ - Assenza ta’ effett*

(Artikolu 108(2) TFUE)

(ara l-punt 25)

3. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati - Irkupru ta’ għajjnuna illegali - Impriżi benefiċjarji ta’ għajjnuna li jinsabu fi stralċ - Iskrizzjoni tal-għajjnuna fil-lista ta’ kredituri sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti*

(Artikolu 108(2) TFUE)

(ara l-punti 26, 27)

4. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu - Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ rkupru ta’ għajjnuna illegali - Eċċezzjonijiet tad-difiża - Impossibbiltà assoluta ta’ eżekuzzjoni - Kriterji ta’ evalwazzjoni - Diffikultajiet fl-eżekuzzjoni - Obbligu għall-Istat Membru li jieħu passi effettivi fil-konfront tal-impriżi inkwistjoni u jipproponi lill-Kummissjoni soluzzjonijiet alternattivi li jistgħu jegħlbu tali diffikultajiet*

(Artikolu 108(2) TFUE)

¹ ĠU C 383, 17.10.2016.

(ara l-punti 28, 29, 40)

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx, fit-termini previsti, il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/539/UE tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.34572 (13/C) (ex 13/NN) implimentata mill-Ġreċja għal Larco General Mining & Metallurgical Company S.A. u, billi ma informatx lill-Kummissjoni Ewropea bil-miżuri adottati skont din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 3 sa 5 tal-imsemmija deċiżjoni kif ukoll tat-Trattat FUE.

- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.